# Burmarrad, raħal żgħir bi storja kbira!

**Ray Bartolo**
*Kunsillier*

Burmarrad, minn żmien ilu kien dejjem meqjus bħala raħal il-bdiewa. Ir-raħal, fejn missirijietna għarqu l-għaraq ta' ġbinhom, kif iħobb jgħid il-Malti. Għalhekk, propju kif taqbad in-niżla ta' Għajn Riħana, li propju twasslek għaċ-ċentru ta' dan ir-raħal, tibda xxomm ir-riħa tfuħ ta' ħamrija niedja, ħamrija għammiela li dejjem tat prodotti friski lil bedwini ta' dan il-lokal.

Dan l-aspett agrikolu ta' dan ir-raħal imur lura għal żmien imbiegħed, saħansitra sa qabel ma bdew jingħaddu s-snin ta' wara l-miġja tal-Mulej fostna. Xhieda ta' dan huwa s-sit arkeologiku, f'forma ta' Villa Rumana, li jinsab taħt il-Kappella tas-Seklu sbatax, magħrufa bħala ta' San Pawl Milqi, li bosta nies jassoċċjawha mal-miġja ta' missierna San Pawl f'Malta. Din l-assoċċjazzjoni propju ġiet minħabba l-fdalijiet li hemm taħt din il-Kappella, fdalijiet ta' importanza mondjali.

L-istorja ttenni li l-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Publius, iltaqa ma' missierna San Pawl propju f'din il-Villa Rumana. Dan huwa t-twemmin ta' bosta Maltin, speċjalment tal-Popolin ta' dawn in-naħat. Però studji li bdew isiru minn esperti Taljani, madwar erbgħin sena ilu, liema studji baqgħu għaddejjin sa ftit żmien ilu, juru li din il-Villa Rumana hi l-akbar u l-aktar Villa Rumana preservata li hawn fuq gżiritna u li daqs kemm għandha valur reliġjuż, għandu jkollha valur għall-istorja ekonomika ta' pajjiżna.

Dan għaliex dan is-sit, skavat madwar erbgħin sena ilu mill-'Missione Archeologica Italiana', jixħet dawl fuq l-ekonomija Maltija taħt l-imperu Ruman. Għalkemm jidher biċċar li din il-Villa kienet residenzjali, parti minnha kienet tiġi użata biex jitkisser iż-żebbuġ u sussegwentament jingħasar. Xhieda ta' dan huma s-sejba f'kundizzjoni tajba ta' mezzi tat-tgħasir taż-żebbuġ. Dak iż-żmien, iż-żejt taż-żebbuġa kien meqjus bħala deheb minħabba li kien jitqies li jagħmel il-mirakli. Dan peress li kien jiġi użat bħala mediċina. Barra minn hekk kien jiġi sikwit assoċjat mal-ġid u l-poter.

Taħt il-ħakma ta' l-imperu Ruman, li ħakem lil Malta bejn is-snin 218QK u 5 WK, tħawlu diversi siġar taż-żebbuġ madwar gżiritna u l-fatt li f'Burmarrad jinsab l-akbar sit assoċċjat mat-tgħasir taż-żebbuġ, u l-istorja tirrakkonta kif f'dan is-sit kien joqgħod il-Gvernatur ta' Malta, allura wieħed faċilment jasal jikkonkuldi kemm kien importanti dan ir-raħal għall-passat ta' gżiritna.

